# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**117.** **26 ta' NOVEMBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IL CANDIDATI

Il ġranet ta'l Elezjoni korbu ŭara il bieb u bħala Candidati għandna għal l-EŬŬEL DISTRETT it-**Tabib Andre' Pullicino**, favur ta'd-Dimissjoni u it-**Tabib** u **Professur Lorenz Manche'**, contra il Dimissjoni; u għ'as-SEBA DISTRETT il **Marchis Apap-Bologna**, favur ta'd-Dimissjoni u il **Baruni Ugo Testaferrata Abela, C.M.G.**, contra id-Dimissjoni.

It-**Tabib Pullicino** u il **Marchis Apap-Bologna** ħariġhom il Cumitat ta' Patriotti li tkanklu contra is-Sur Cicc u Sħabu talli daŭna daħku b'il poplu billi naksuh m'il ŭiegħdiet li għamlulu, u il **Prof. Manche'** u il **Baruni Testaferrata-Abela** ħarġuhom is-Sur Cicc u Sħabu li ŭara li ŭiegħduna solennement li għandhom jitilku ħalleŭna b'xiber imnieħer b'il kasba f'idejna.

* * *

X'cumbinazjoni ! ! Għal l-EŬŬEL DISTRETT sejjrin ijgerru żeŭġ TOBBA, u għa's-SEBA DISTRETT żeŭġ NOBBLI. Fiha tasseŭ tiġrija sabiħa. Cull par għal imparu !

Min jieħu l-eŭŭel minnhom ? !

* * *

Bħala persuni ma għandniex x'ingħidu contra ħadd minnhom. Collha għandhom xi żelluma jecc nifluhom tajjeb; iżda f'id-dinja min hu dac li ma għandux ? Huma l-erbgħa onesti u galantomi u milli jidhru jħobbu il pajjis bla kerk u bla interess—u dan hu l-akŭa. Tasseŭ li it-Tabib Pullicino ilu pratcu ma't-**tlietin sena** ta'l politica tagħna u gie maħtur biex jilħak Cunsilier minn Savona. Mizzi u Azzopardi f'il ħin li il Prof. Manchè għadu issa l-eŭŭel darba li is-Sur Cicc ħatru għal Cunsilier u hu stess chiteb li f'il politica ma tantx jifhem; tasseŭ li il Baruni Testaferrata-Abela forsi ħareġ Candidat għaliex sejjra tgħaddi l-Ordinanza fuk l-imbejjet artifiċjali u hu jecc daŭna ma jibkgħux jidħlu f'Malta jagħmel affari għaliex l-imbejjet tiegħu, li huma tasseŭ tajjbin u ta' min ijfaħħarhom, jimxulu actar, f'il ħin li il Marchis Apap-Bologna ma hemm l-ebda ligi li tista tgħaddi favur tiegħu. Iżda dana collu ma għandniex x'irriduh għaliex aħna ma aħniex niccumbattu favur jeŭ contra il persuni iżda favur jeŭ contra il politica li żammeŭ magħha f'dana il mument u fuk l-affari ta'd-DIMISSJONI BISS.

* * *

Mela jecc it-Tabib Pullicin ivvota jeŭ lè għalih in-nifsu biex jidħol fl-Esecuttiv jeŭ jecc l-oħrajn ijridux jltilgħu Cunsilieri biex jidħlu fl-Esecuttiv jeŭ le ma għandniex x'irriduh f'dal mument. La hemm iż-żeŭġ postijiet ta'l Esecuttiv u aħna aċċettajna dana il privileġġ xi ħadd fih ijrid jidħol sgur, u sa chemm dac il post b'is-salarju ta' tliet mitt lira li fih ma jixtrix ma'l Gvern lil min ijcun fih ma hemm xejn ħażin. Il ħażin ma hux kiegħed għaliex ŭieħed talli jaħli żmienu jitħallas biex jakdi dmiru seŭŭa iżda hu meta ŭieħed jimla rasu b'dac il post u daŭc il flus u biex ma jitlithomx jagħmel cull ma jixtiek il Gvern contra il gid ta'l poplu jeŭ ma jfittexx b'iż-żejjed b'il ħrara collha il gid ta'l poplu biex ma jdarrasħiex ma'l Gvern. Mela jecc it-Tabib Pullicin xtak li jidħol fl-Esecuttiv u jieħu it-tliet mitt lira xtak igifieri li jcun fejn huma illum is-Sur Azzopardi u is-Sur Cachia Zammit, li meta taŭ lilhom dac il post u dac is-salarju ma iddardrux u kalu le, iżda accettaŭhom b'il ferħa u ma irridx naħseb li dana għamluh għal l-imħabba ta'l pajjis biss.

* * *

Jecc tasseŭ it-Tabib Pullicino ħebb għa's-Sur Cicc u għa's-Sur Cachia Zammit għaliex ried għadma milli għandhom f'ħalk

hom huma jeŭ actarx hu (is-Sur Cicc) ħebb għalih bl-icreħ għaliex ma jridx jitlak il għadma li għandu f'ħalku; u li kieghed ijgħażżaż snienu chemm jiflaħ biex ma jitlakhiex kieghed jurihulna cull jum fl-*Avvenire* u billi sa nakas m'il ŭiegħdiet tiegħu u daħak b'il poplu basta ma jħallieħiex takagħlu minn bejn snienu. Mela f'il cas hi güerra għall għadma għas-Sur Cicc ucoll u għalhecc ma hux ta' min ijżomm miegħu actar milli ŭieħed għandu jżomm ma't-Tabib Pullicino.

* * *

Biss fuk dina l-affari hemm żeŭġ differenzi cbar bejniethom. L-eŭŭel ŭaħda hi li chif gieb ruħu is-Sur Cicc ma'l poplu malli ħa it-tliet mitt lira nafuh tajjeb u nafu li saħansitra nakas m'il ŭiegħdiet tiegħu u daħak b'il poplu b'mod l-actar aħrax biex ma jitlakhomx; f'il ħin li chiecu ħadhom it-Tabib Pullicino ma nafux chif chien ijgib ruħu, biss naħseb li ma chienux jircbuh għaliex it-Tabib Pullicino hu għani minn daru u ma għandux bżonnhom biex ijgħix bihom u malli jitlak m'il Esecuttiv chien jarġa jmur għal qŭiet jistad f'Baħar iċ-Ċagħak f'il ħin li is-Sur Cicc minn għajrhom ijsib ruħu lampa-stampa u jcollu jarġa jaka għal ħabba ta's-Sultan jippassiġġa f'il Curituri ta'l Korti.

* * *

Mela is-Sur Cicc ma għandu jgħid xejn tuk it-tliet mitt lira għaliex jecc it-Tabib Pullicino riedhom hu kieghed jiecolhom u li chiecu chien kiegħed jiecolhom f'locu it-Tabib Pullicino chien joħroġ actar ta' ragel u jżomm chelmtu u ma jidħakx b'il poplu f'ŭiċċu bħal ma għamel is-Sur Cicc għaliex it-Tabib Pullicino għandu biex jgħix b'iż-żejjed u ma għandux bżonn it tliet mitt lira ta'l Esecuttiv biex ijżomm il familja tiegħu bihom għaliex s'issa li għadda in-nofs kantar għamlu bla ma katt fittex l-ebda impieg u il biċċa il cbira ta' ħajjtu jkattagħha vileġġjatura chif jaf cullħadd.

* * *

Li is-Sur Cicc hu actar idu miftuħa m'it-Tabib Pullicino ma għandniex provi tiegħu, anzi għad li il Prof: Manchè, f'ittra li chitiblu fl-«*Avvenire*,» kallu biex daŭc it-tliet mitt lira jatihom lill fkar dana is-Sur Cicc għadu katt ma ħolom li jagħmlu u b'hecc ŭriena li it-tliet mitt lira ma huma jagħmlulu l-ebda ugiegħ ta' żakk.

Mela is-Sur Cicc ma għandux għax jokgħod ijgħajjar l'it-Tabib Pullicino tuk it-tliet mitt lira għaliex jecc dac riedhom is-Sur Cicc kieghed ijmaxtarhom minn fuk spallejn dac il poplu li ma hux b'iż-żejjed ijfittixlu id-drittijiet tiegħu u li għajjru li għadu l-ura u li ma ħakkux Costituzjoni u li Allaħares jecc jatuhielu.

* * *

Id-differenza importanti l-oħra hi dina u nitlobcom li tifhmuha tajjeb.

Il Candidati li ħareġ is-Sur Cicc, igifieri il Professur Manchè u il Baruni Testaferrata-Abela ijridu jitilgħu Cunsilieri biex jecc jiġu maħtura jibkgħu hemm fuk, f'il ħin li it-**Tabib Pullicino** u il **Marchis Apap-Bologna** sejjrin joħorġu biex jecc jiġu maħtura jipprotestaŭ irŭieħhom contra il politica ta's-Sur Cicc u Sħabu talli ma żammeŭx chelmithom u daħku b'il poplu u jarġgħu m'il ġdid jiddimettu irŭieħhom, igifieri li ma humiex ħiergin biex jibkgħu hemm fuk.

Mela jecc jista jcun veru li il Candidati ta's-Sur Cicc jixtieku it-tliet mitt lira b'il post ta'l Esecuttiv għaliex jecc jiġu maħtura jibkgħu hemm fuk u ma nafux x'jista jinkala, it-**Tabib Pullicino** u il **Marchis Apap-Bologna** dana ma jixtiekuhx tasseŭ għaliex sejjrin jitħabtu ħafna u jonfku ħafna flus u jakilgħu ħafna fuk ŭiċċhom BISS GHAL PONT għaliex jecc jitilgħu jarġgħu jinżlu minnufih ŭara il protesta.

Chiecu it-Tabib Pullicino chien kieghed jitħabat għa't-tliet mitt lira u m'hux biex tgħaddi il fehma tiegħu chiecu d'id-darba ma chienx joħroġ Candidat sgur; għaliex f'il ħin li hu jcun kieghed jonfok il-liri is-Sur Cicc ijcun kieghed ijpappihom minn fuk spallejn il poplu.

Dana juricom b'iċ-ċar li dac li is-Sur Cicc kieghed ijgħid fuk it-Tabib Pullicino li ried post fl-Esecuttiv b'it-tliet mitt lira ma għandu xejn x'jaksam ma'l politica ts'l mument u li jecc kieghed jara it-tibna ta' ħaddieħor ma hux ijħares lejn it-travu tiegħu għaliex hu, tant bħala Direttur ta'l «Malta» chemm ucoll bħala membru ta'l Esecuttiv, chiel xi lokma m'il politica iżda it-Tabib Pullicino u bosta oħrajn m'il politica m'hux biss li katt ma chielu xejn iżda dejjem nefku il belli flejjes m'il but.

Is-Sur Cicc m'il politica mela il ħaŭsla u jecc chiteb f'il «Malta» jeŭ kieghed jaħdem xi ftit għall poplu hu imħallas tajjeb tiegħu u frattant il min ħadem bla ħlas anzi nefak minn butu ijrid jitfagħlu it-tajn ma' ŭiċċu. Sbejħa din!!

* * *

Iżda inħallu dan collu f'il genb u naraŭ il qŭistjoni seŭŭa x'inhi. L-importanti hu li fuk il camp-ta'l-battalja ta'l elezjoni hemm żeŭġ FEHMIET, il ŭaħda contra l-oħra.

Ŭaħda minnhom tgħid LI IS-SUR CICC U SHABU GHAMLU HAŻIN LI ŬIEGHDU LILL POPLU LI GHANDHOM JITILKU FL-14 TA' OTTUBRU U MA TELKUX U B'HECC DAHKU BIH F'UIĊĊU.

L-oħra tgħid LI ALLAVOLJA IS-SUR CICC U SHABU DAHKU GHAL DARBA, TNEJN B'IL POPLU BILLI NAKSUH MINN ŬIEGHDITHOM GHAMLU SEUŬA LI MA TELKUX U LI BAKGHU JGAŬDU L-ISTEDIN U IT-TLIET MITT LIRA.

Għal l-eŭŭel fehma ħargu jxammru it-TABIB PULLICINO u il MARCHIS APAP-BOLOGNA u għa't-tieni il PROF: MANCHE' u il BARUNI TESTAFERRATA-ABELA.

Mela tħarsu xejn lejn in-nies min huma għaliex f'lochom setgħu chienu erbgħa ta'l għuda, iżda ħarsu biss lejn il FEHMIET li kiegħdin jiccumbattu għalihom; għaliex jecc jirbħu jeŭ jitilfu ma jittrionfaŭx jeŭ jintrifsu huma IŻDA IL FEHMIET li kiegħdin jitħabtu għalihom.

Mela kisu li imħabba f'il PERSUNI, huma min huma, ma jeħlux ma' rascom il FEHMIET għaliex tcunu kiegħdin tagħmlu ħsara m'hux lill persuni iżda lilcom infuscom.

Ŭaħħlu tajjeb f'rascom għal liema FEHMA għandcom tivvotaŭ u għal dac collu li jgħidulcom jeŭ takraŭ fuk il PERSUNA li tcun kiegħda ticcumbatti għal dic il fehma għagħilku ŭidnejcom. Jecc il FEHMA hi tajjba ma jimpurtacomx min kieghed jidher għaliha, sata chien ta't-tafal; jecc hi ħażina x'jisŭa jecc min joħroġ jakbeż għaliha ijcun imżejjen b'id-doni collha?

Li tagħżlu il FEHMA IT-TAJJBA hu il gid tagħcom u m'hux jecc tagħżlu l'it-tali jeŭ lill ieħor. Mela ifhmu liema hi il FEHMA IT-TAJJBA u ivvotaŭ għaliha billi tivvotaŭ għal min kieghed jidher għaliha hu min hu.

* * *

Issa jecc jidhrilcom li is-Sur Cicc u Sħabu għamlu seŭŭa li ŭara li ŭiegħduna f'il programm u f'id-dichiarazjoni li għandhom jiddimettu rŭieħhom naksu minn chelmithom u daħku bina bħallichiecu li aħna conna għalihom biss iccalculati xi ħaġa biex tallajnihom hemm fuk ħalli ŭaslu fejn huma u kiegħdin jimleŭ il ħaŭsla minn fuk spallejna, allura ivvotaŭ għall Prof: Manchè u għall Baruni Testaferrata Abela, għaliex daŭna jridu jgħidu li cull ma kiegħdin jagħmlu is-Sur Cicc u Sħabu hu tajjeb

# Il Malti għal Maltin

( *Jissocta minn numru ta' kabel* )

**B'il ħiena**—b'il malizzja, b'il kerk. *Dejjem mexa miegħi b'il ħiena ŭara li fdajtu.*

**Tħun**—tkarrak, tinganna. *Ħani*—ingannatur, karrieki. *Mexa miegħi ta' b'il ħani*—b'il kerk.

**Ħandak**—foss, ħofra cbira ma dejjka.

**Titħanfes**—tieħu fastidju. *Mħanfes*—b'il għeddum, b'il buli.

**Titħannex**—titgħaŭŭeġ l-hemm u l-haŭn bħal ħanex, titchessaħ ma' mara. **Ħannuxija**—mara collha mutetti.

**Ħanġra**—il għerżuma. *Fetaħ ħanġra jgħajjat*—beda jgħajjat chemm jiflaħ, b'chemm għandu garġi.

**Ħanin**—ŭieħed li jħoss ħniena. **Ħann**—ħniena, grazzja.

**Ħannus**—każkuż ċchejchen. Ijgħidulu **ħannuf** ucoll. *Tagħmel ħannusa*—meta it-tfal jagħmlu gheddumhom bħal ta'l ħannus u jibdgħu jonħhu.

**Maħnat**—loc fejn hemm ħafna ħŭienet, suk.

**Ħanxul**—għerk irkiek, żgħir u tari. *Għadec donnoc ħanxul*, donnoc mizŭet, donnoc licc, donnoc tapp. Meta ngħidu *titħanxel* f'loc *titħannex* ingħidu ħażin. *Titħanxel* ma' xi ħadd igifieri li il ħbieberija tagħcom bdiet trabbi l-għeruk.

**Tħir**—tisforza, titkanżaħ. Għalhecc lill ħmar ijgħidulu *ħarra !* igifieri tkanżaħ, sforza biex timxi chemm tista. *Kiegħed ijħir chemm jista biex jasal id-dar cmieni. Ħar bosta iżda ma laħak xejn.*

**Ħàra**—triek. *Jokgħod f'il ħara tagħna.*

**Tħarri**—ticxef għaŭarec ma'l girien ta'l ħara collha. *Uliedi b'it-tagħjir tagħhom ħarraŭni.*

**Maħra**—locu commodu.

**Ħaraġ**—taxxa. *Ħallas il ħaraġ ta' cullħadd*—bata b'il kantar ta'l coll.

**Taħrat is-sigar**—tneżżagħhom m'il ŭerak jeŭ m'il aħħar frott. *Sigra maħruta m'id-dud.*

**Ħrieb**—gŭerra. **Tħarreb**—tagħmel gŭerra—*min ijħarreb ijmut imħarreb.* **Ħarrieb**—gŭerrier. *Ħerba*—dar imgarrfa. *Ta'l Ħoreb*—loc f'Malta għax fih ħafna rovini. *Iż-żmien hu ħarriebi*—jekred collox. **Ħarrub**—is-sigra hecc imsejjħa għaliex ticber fuk raba ikir, mħarreb.

**Tħares il gimgħa**—ma tiecolx laħam fiha.

**Tħarfex**—taħdem addoċċ, goff, chif gie gie.

**Ħarfiex**—mgħallem ta'ċ-ċajt, ta' cafcaf.

**Ħarcusa**—iż-żbula ta'l kamħ jeŭ ta'x-xgħir li issir seŭda għax timrad.

**Ħark**—xpaccatura, xakk f'il blat. *Ix-xita tħarrak l-art*—tagħmilha collha xkuk.

( *Jissocta.* )

# BUREAU DE CORRESPONDANCE

**Jecc tridu min jictbilcom xi ittri, ricorsi, petizjonijiet jeŭ ħŭejjeġ oħra bl'Ingliż, bi't-Taljan, b'il Franciż, bl'Ispanjol, b'it-Tedesc u bil Għarbi; jeŭ tridu xi traduzjonijiet min daŭna il-lingŭi għal Malti, morru fli SCHOOL OF LANGUAGES (BERLITZ SYSTEM) f'in-numru 17, Sda: Mezzodì, il Belt u tcunu mokdija seŭŭa ŭisk u bi prezzijiet m'il orħos.**

# Għa'n-Nisa.

Sir Francis Laking, il famus tabib ta'l mibchi Sultan Edŭardu, jfaħħar bla tarf, u b'ir-ragun collu, l-ichel ta'ż-żbib għa's-saħħa. Il għeneb hu mimli b'zoccor li hu sustanzjus ŭisk u li jgħaddi malajr ħafna m'il istoncu; biss il koxra hi jiebsa u ma tgħaddix malajr. Għalhecc l-aħjar li ŭieħed jagħmel hu dan li b'sicchina jaksam iż-żbib minn nofs, u jgħallieh tajjeb u ŭara jagħsru ġo biċċa nadifa biex joħroġ ġulepp bnin ħafna li ŭieħed jista jnalltu f'loc iz-zoccor ta'l cannamiela billi hu ŭisk aħjar minnu għa's-saħħa.

Il ħarrub fih ucoll meta jcun smin ħatna zoccor tajjeb għa's-saħħa u dana naraŭh m'il kaŭŭa li jcollhom daŭc iż-żŭiemel li jieclu ħafna ħarrub. Dana iż-zoccor jittieħed malajr jecc ŭieħed ijkatta il ħarrub bcejjeċ u jgħallih tajjeb. Mela jecc tgħallu flimchien iż-żbib u il ħarrub chif fehimtcom tieħdu b'irħis ħafna ġulepp ta' togħma tajjba ŭisk u ta' benna li ma bħalha u li għal dic li hi saħħa hu bosta aħjar m'il aħjar zoccor ta'l cannamiela għaliex dana biex jidħol sustanza f'id-demm ijrid l-eŭŭel jitbiddel f'zoccor bħal dac ta'l għeneb u ta'l ħarrub u għalhecc ijchidd actar l-istoncu.

★

Bosta nisa bdeŭ jużaŭ ir-**Rubnit** għal ħasil ta'l ħŭejjeġ iżda telkuh għaliex tfixclu chif għandhom jużaŭh seŭŭa, u ŭeħed ma rashom dana ir-**Rubnit** u makdruh chemm felħu. Jibkgħu sguri li it-tort hu tagħhom u m'hux ta'r-**Rubnit** u li min jokgħod għal dac li hemm stampat fuk il carta seŭŭa għandu joħroġ cuntent bħal ma ħriġt jiena li s'issa ili naħsel bih ħafna b'ħeffa u bi bjuda li ma bħalhom. Hemm min jibża ucoll li jieħu rieħ, iżda jecc tcunu tnejn ŭaħda kuddiem is-sħun u oħra kuddiem il chiesaħ ma hemm periclu ta' xejn u l-actar jecc ŭieħed ijgħalli f'il magħluk u ŭara jokgħod jibred seŭŭa. Hemm min kal li jagħmel ħsara f'il ħŭejjeġ; jecc ŭieħed jagħmel doża kaŭŭija ŭisk dana jista jcun iżda għadu ħadd ma jista jgħidu f'is-sgur għaliex għadu ma għaddiex żmien b'iż-żejjed biex ŭieħed jista jara il ħsara jecc katt ijcun hemm. Mela kabel tmakdru ħaġa u taktgħu kalbcom minnha tgħallmu uzaŭha tajjeb u taraŭ chif toħorġu tiftaħru bħal ma ħriġt jiena li fi ftit siegħat naħsel ħŭejjeġ li dari il ħassiela chienet tieħu il ġranet biex taħsilhom u jiġu bojod donnhom fidda u ŭisk actar indaf minn kabel. Il franchizza f'is-sapun hi cbira ŭisk u cullħadd jista jaħsel hu bla spejjep ta' ħassiela.

★

Min ijrid jiecol platt tajjeb u sustanzjus ħafna ucoll jagħmel hecc:— Ixtru il għatz minn dac l-imkaxxar u tuh faŭra seŭŭa f'cazzola bi ftit ilma biex ma issaffuhx ħalli dic is-sustanza tiegħu li tmur fl-ilma ma tinħeliex. Għallu miegħu kabda seŭŭa żbib sultana ŭara li tcunu ħsiltuh tajjeb. Meta il għatz ijdub bħal għasida niżżluh minn fuk in-nar u ħalluh f'il genb. Sajjru f'cazzola oħra il crema, biss f'loc b'it-tkiek sajjruha bl-*oat-meal* għaliex hu ŭisk actar sustanzjus, u malli il crema tcun għakdet itfgħu fiha il għatz b'iż-żbib b'collox li tcunu ħejjejtu kabel, u ibkgħu ħaŭŭdu collox għal ftit minuti. Jecc ma'l għatz u iż-żbib tgħallu ftit imsiemer ta'l kronfol jeŭ ħleŭŭa biex tatu it-togħma ma jibdielcomx. Meta tferrgħu il crema fi platt u ticsaħ żidulha ftit intrita chemm chemm incaljata biex titkaxxar bajda u ftit confettura jeŭ cunserva u jecc tridu iżżidu ftit għasel malti tajjeb ijcattar it-togħma u is-sustanza.

Dana il platt hu sustanzjus ŭisk għaliex fih jidħol dac collu li jcattar is-saħħa u jgħaddi malajr m'il istoncu għaliex l-intrita meta ma titħallatx ma' acidi fl-istoncu timxi malajr. Meta tieclu platt imdakkas minn dina il crema b'il għatz ibkgħu sguri li tcunu daħħaltu fl-istoncu sustanza li ma tieħduhiex minn ŭiżna laħam u b'hecc tcunu ħlistu b'ħafna orħos u ŭisk aħjar. Ippruvaŭ u taraŭ chif jogħġobcom.

Lucija Levanzin Inglott.

## IL MARDA G'DIDA TAL LARING'.

Dudu iehor li jmarrad il Laring, il Lumi u il Mandulina deher, ftit żmien ilu, fil ġonna ta' San Ġorġ u ta' San Giljan. Dan id-dudu jgħix fuk bosta siġar u ħxejjex oħra u lilhom ijmarrad. Hu bil bosta iżjed chiefer minn mard iehor tal Agrumi għaliex jispiċċa biex jekrek is-siġra.



Il għorrief semmeūh, ICERYA PURCHASII. Id-daks u'l għamla tiegħu huma miġjuba f'din l-istampa meħuda minn ritratt ta ūerak u zcuc morda. Id-dudu ta' fuk iz-zocc hu icbar minn ciċra, issinghjat minn kuddiem għal ūara, u dac li jidher abjad kotna m'hux ħlief żakk minfuħa bil bajd. Din hi il mara, ir-ragel xejn ma jixbah lilha, hu bil bosta iżgħar, daks nofs nemusa, u jitajjar bil ġūienaħ.



F'żakk ta' dudu mara hemm minn tliet mija sa ħames mitt bajda lesti biex jofsku. Daūna, actarx nisa inchella rgiel jixxerdu taħt il ūerak bħal ma naraūhom fl-istampa u f'xahar u nofs jicbru u jxxerrdu fuk iz-zcuc. Fi ftit żmien iehor jildu u hecc ma tul is-sajf jista jcollna tliet ibtan. Dudu ūieħed, immela, jista jati l-eluf tal eluf ta' dud iehor.

Dan id-dud collu jarda minn fuk is-siġra, u hecc ijmarradha; u jecc ijcun hemm dud bosta jispiċċa biex jekridha.

Il Gvern fid-disgħa ta' Lulju li għadda ħareġ tūissija fejn ijgħarraf sidien il ġonna u in-nies tar-raba li haūn mxerred dan id-dudu u li għandhom ijfiċċuh dejjem, u meta jsibuh għandhom ijgħarrfu lil-Ispettur tal Agricoltura biex dan jurihom chif jekerduh.

L-istess Gvern fis-sittax ta' Aūūissu ħareġ regulamenti fejn jordna li l-Ispettur tal Agricoltura jista jidħol jara il ġonna u jordna lis-sid jeū lil genniena li jismiċċjaū is-siġar tal Laring, tal Lumi, tal Mandulina, li jcollhom fukhom dan id-dudu, li jaħarku iż-żbir u is-siġar u ħxejjex oħra meħudin b'dan id-dudu li jbixxuhom bid-dūūa, u jecc ijcun hemm bżonn jaħarkuhom dintott. Għall cull siġra tal Agrumi li tinħarak il Gvern lil sidha jatih b'xejn xitla oħra minn f'locha.

Mill Officciu tal Ispettur tal Agricoltura fl-Argotti,

F. DEBONO, M.D.
*Spettur tal Agricoltura.*

## TLAKKIT.

( *Jissocta minn numru ta' kabel.* )

**Is-Slaten bosta drabi jiżżeūūġu** ma' min hu ankas minnhom. L-Imperatrici ta'l Germanja hi bint żūieġ *morganaticu* (xellugħi, igifieri ta' ūieħed imnissel minn familja reali ma xi ħadd li ma hux). Is-Sultan Alexxandru ta's-Serbja gie maktul m'ilux (1903) għaliex iżżeūūeġ ma Draga li ma chienetx ħlief camriera ta' ommu, u ried ūarajh ijlaħħak Sultan il ħuha, li gie maktul ucoll ma oħtu Draga. Is-Sultan Leopoldu ta'l Belġju, li miet ma ilux, chien miżżeūūeġ ma'l Barunissa Vaughan b'il moħbi. Missieru, il Princep ta' Coburgu u li chien l-eūūel Sultan ta'l Belġju chien miżżeūūeġ ma' attrici. Il Cżar ta'r-Russja jilħmu li hu miżżeūūeġ ma' ballarina polacca li minnha għandu żeūġ t-itfal li kiegħdin jitrabbeū f'Parigi u ommhom kiegħda f'San Pietroburgu. Is-Sultan Ġorġ Erbgħa ta'l Inghilterra li iżżeūūeġ ma' Miss Fitzherbert. Is-Sultan Ġorġ L-Eūūel chien miżżeūūeġ ma'd-Duchissa ta' Kendall. Gulielmu Tlieta iżżeūūeġ ma'l Contissa Augusta Von Borroch. Id-Duca ta' Cambridge iżżeūūeġ ma' Miss Farebrother, attrici sabiħa ūisk iżda ta' condizjoni baxxa ħafna. Il Princep Rodolfu li chien jilħak Imperatur ta'l Aūstrija chien sejjer jiżżeūūeġ lil Contissa Vetzera li chien ijħobbha ūisk, iżda missieru ma ħalliehx jieħodha u gegħlu jiżżeūūeġ fuk kalbu ma'l Principissa Stefanja ta'l Belġju. Rodolfu baka jħobb il Contissa u darba sabuhom mejjtin flimchien billi katlu ruħhom b'idejhom, ūara li Rodolfu tħabat chemm felaħ biex jinfired minn Stefanja u jieħu b'martu il Contissa Vetzera.

**L-Insonnija** hi dic il marda meta ūieħed ma jistax jorkod għal żmien tūil. Dr. Alexander Bryce f'il ctieb tiegħu imsejjaħ «*The Laws of Life and Health*» ijgħidilna li jecc bniedem ma jorkodx għal ħames t-ijiem sħaħ ūara xulxin actarx ijmut u jibda jatih bħal ferħ ta' ġenn b'it-tħeūdin. Orkdu fuk il-lemin, la tħallux riġlejcom jicsħu, imxu ftit ūara li tieclu, aħsbu f'xi ħaġa ħafifa u torkdu tajjeb.

( *Jissocta.* )

## Ħin il Farag'

Chemm hu sbejjaħ da'l meŭġ li k'ed jiddi
Taħt il ħmura ta'x-xemx li k'ed tgħib !
Chemm hi ħelŭa di'ż-żiffa ta'l lejla
Illi 'l fŭieħa ta'n-nŭar lejna 'ġgib !
Ih, xi ġmiel! xi smeŭŭiet! x'għabex dan!
Bhejjem, nies, m'it-taħbit għa's-serħan.

Il ħolkien collu mimlı b'da'l għageb
Li jien miegħu nħoss ieħor jiżdied:
Hu ħsieb oħla m'il meŭġ, u m'iż-żiffa;
Iva, ħsieb oħla ŭisk m'is-smeŭŭiet.
Bħala diŭa ta' beŭsa, haŭn ħdejja,
Nisma 'l-ilħna ta' ŭliedi f'ŭidnejja.

Lilcom, tfal, li ma taħsbu f'il ħidma,
Bħala għ'safar jittajjru ħenjin,
Ktajja ktajja da'l ħin jiena nara
Jiġġerreŭ l-haŭn u l-hinn ferħanin ;
Għa't-tifriġ jien naracom tifirħu,
Ma't-triekat ħienja 'l coll k'ed timirħu.

Għa't-tbaħrid bħal ferħ naħal tingabru
Seŭŭa seŭ chif hu jdur ma'l-inŭar,
Imma xejn lil da'n-naħal ma tixbħu
Fi't-tħaŭtil u 'l bżulija ġo 'd-dar:
Kisu, tfal, li logħobcom ijcun
Tagħlim ħelu bħal għasel maħżun.

Jecc għasfur inti tilmaħ ġo bejta
Ċchejchen ċchejchen, ħallih, la toftmux,
Għax jecc t'ommu tneħħilu 't-trobbija,
Jum għajxien il għasfur ma jcollux.
Tgħallmu, tfal, issa l-intom ċchejcnin
Nisslu ħniena, u katt tcunu chiefrin.

Jecc ix-xolfa f'il baħar titilku
Fis taraŭ li bla għakal il ħut,
B'regħba cbira jziġġ fis lejn il-lixca,
U b'il għama dlonc jigi makbud.
Tgħallmu, tfal, u għal żakkcom tagħmlux,
Għax ir-regħba dnub mejjet, tafux ?

Mita tilmħu, ja tfal, u titħajjru
M'il imsiebaħ il-lejl f'il għaxija,
Intom fihom x'issibu, għiduli,
Għajr dud zgħir illi jarmi bħal dija?
Dac id-dud, dac id-daŭl biss juricom
Illi il għajn minn dakkiet tkarrak bicom.

Ħarsu ftit, araŭ hemm dic in-nemla
Li k'ed tfittex u tħaŭtel ma'l ħâra,
Tkandel xgħir... u li jigi kuddiemha
Biex tmur taħżnu għa'x-xitŭa fi-għamara;
Tgħallmu, tfal, cunu 'l coll ħaŭtelin,
Aħsbu dejjem għ'as-snin li gejjin

Cont nixtiek li da'l cliem li nsiġtilcom
Fuk il ħena u il gid ta'l ħolkien,
Jibka 'mnakkax fi klubcom għal dejjem
U jisŭielcom għall għerf bħal sisien.
Għożżu tajjeb da'l cliem u xtarruh
Biex ammàn meta ticbru issibuh.

(E. C.)

(*Mis-« Sebħ »*) (*Edŭardu Cachia*)

## IS-SAĦĦAR FALZUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

« Ħasan biex ma jinchiserx kabad it-triek l-haŭn u baka nieżel sa'l Għar biex jara x'daŭl taħih dic il Madonna li Colina ta' kalbu chienet tant tħobb. Hemm isfel ma chien hemm ħadd billi chien għadu cmieni ŭisk u in-nies ma chienux għadhom ħargu għall cnisja u għalhecc sata jserraħ kuddiem dic ix-xbiha imkaddsa il għomma collha ta'l kalb midruba tiegħu. Beca u beca b'il kalb, u dac il bichi ħassu ħjieħ u ħassu seŭŭiblu f'sidru raxxa daŭl ta' tama li Colina ma chienetx intilfet għalih għal dejjem.

«Ŭara li għedŭed talba li chienet għallmitu Colina u li hu chien ijtenni cull f'il għaxija kabel jorkod, b'id-domna għażiża f'idu, biex jiftacar fiha u jsaħħaħ dejjem lejha il cbira imħabbtu, inxteħet b'il kiegħda fuk it-tarġa ta'l artal, u b'is-sorra ħdejh, diŭen ŭiċċu ġo kiegħ idejh u kagħad jitħasseb fejn sejjer ijmur jistchenn sa jara chif chienet sejjra tispiċċa dic il praspura-

«Ta'la minn haŭn u niżżel minn hemm fl-aħħar għadda minn għala moħħu Mħammed Għabdallah, li chien tħabbeb miegħu ftit ġranet kabel ma kaleb nisrani imħabba f'ix-xeŭka ta' Colina.

«Dana Mħammed chien ragel actarx xŭejjaħ, b'leħja bajda daks il-lift u tŭila mifruxa fuk sidru u li meta ŭaka irsir u gibuh Malta ħarab il sidu u inġabar f'Għar Ħasan, li jigi in-naħħa ta' Bengħisa, u hemm baka jgħammar u jgħix b'il għajnuna ta'l ftit bdieŭa ta' daŭc l-inħaŭi billi chien ta' sicŭit jakralhom xortihom, x'sejjer ijgħaddi mn'ucuħ irraba u billi chien igħinhom b'xi teftufa xogħol ucoll.

«Ħasan chien chellmu l-eŭŭel darba meta chien mar l-hemm ma Ġanni Abela għall caċċa ta'l fenec billi dana chien ijħobb jistchenn xi ftit għandu u l-actar biex jieħodlu minn moħħu xi aħbarijiet fuk xi miġja ta't-Toroc; u billi Mħammed chien ilkugħi ŭisk a lil Ħasan sar ijgibu ħafna f'chemm ilna ingħidu, malli għaddielu il ħsieb li jmur għandu, kam kabad is-sorra, tefagħha taħt abtu u f'radda ta' salib Alla ma għamlu.

«Ma tul it-triek ħafna ħsiebijiet ħeŭdnulu rasu, u fosthom dac li jbiċċer lil Paŭlu Calavà, l'is-Sinjura Enzjona u lil Marì il kaddejja talli ġarrfulu hecc f'dakka il ħena ta' kalbu. Xtak dac il ħin li sata bħal missieru jaħchem tajfa toroc biex ijgibhom jaħi tu għal dic id-dar, jaħtaf ġo idejh il Colina, jisħak taħt għarkubu ras l-oħrajn u b'hecc jitħallas talli għamlulu u talli giegħluh ijġarrab dic il moħkrija collha; u collu imdaħdaħ f'daŭna ix-xeŭkat coroħ ŭasal f'Għar Ħasan fejn sab lil Imħammed kiegħed joftor bi ftit frott u gŭies li chellu.

(*Jissocta.*)

## LOGĦOB.

It-Tifsira ta'x-Xarada:
BIR-ŻEBBUG'A jeŭ GĦAJN-TUFFIĦA.

—

### XARADA.

Jecc tirdoppja *l-eŭŭel* tiegħi
Jatic bniedem b'setgħa cbira;
Sib *it-tieni* f'xi żarbuna;
Sgur ġa fhimt x'inhi it-tifsira.
Ġo *l-intier* lil għonja issib.
Sgur x'inhu ġa fhimt ħabib.

LEV:

# "IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nistħajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġha taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijgħemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il għideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġġiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il *«Malta Tagħna»* ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il cullħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħrorġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatiħ dac collu li soltu jakra f'il *«Malta Tagħna»* u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

## B'NOFS PREZZ

billi għad li jcun DAKS il *«Malta Tagħna»* ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA ( sitt ħabbiet cull numru ) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *supplement.* Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbiħ f'it-torok ucoll iżda B'IS-SOLD IL CÓPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena iż-ŻUNZANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL *«Malta Tagħna»* u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiha tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

**A. LEVANZIN.**




## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

Min ijrid jixtri oġġetti ta'l metall m'il isbaħ li jistgħu iservu bħala rigal għal xi żŭieġ jeŭ magħmudija, bi prezzijiet m'il irħas ijmur f'il ħanut ta' Bartolomeo Pisani, Strada Levante No. 150, il Belt.

Fl-istess stabiliment jimbigħu ucoll u jinxtraŭ bolli użati.

## FRANCOBOLLI

Min ijrid jixtri francobolli użati għall collezjoni jmur ta's-Sliema, Strada Prince of Wales, Nu. 213, cull jum, minn nofsinhar il kuddiem, u jħassel ħafna bolli sbiħ b'nofs prezz ta'l Catalogu.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Żebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjad, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

## BRITANNIA

## L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

### OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtiega.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispiżżjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Ħdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il mitel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

## INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

### UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

### UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

### UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**

Min hu marid bl-ANEMIJA (ŝakar ta'c-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN gurnata jieħu



## L'ELIXIR
## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mis'hta**

### NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

### Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

### ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispiżżjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GĦALIEX MA JIDDIELCOMX!**

In-"Naħla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.